IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.10.2014
COM(2014) 625 final

2014/0289 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/335/UE sabiex tawtorizza lir-Repubblika tal-Litwanja biex tkompli tapplika miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

Skont l-Artikolu 395(1) tad-Direttiva 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (minn hawn 'il quddiem "id-Direttiva tal-VAT"), il-Kunsill, li jaġixxi unanimament fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jawtorizza lil kwalunkwe Stat Membru li jintroduċi miżuri speċjali għal deroga mid-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, sabiex jissimplifika l-proċedura tal-ġbir tal-VAT jew sabiex jippreveni ċerti tipi ta' evażjoni jew evitar tat-taxxa.

Permezz ta' ittra rreġistrata mal-Kummissjoni fis-16 ta' Mejju 2014, il-Litwanja talbet awtorizzazzjoni biex tkompli teżenta lil persuni taxxabbli li d-dħul annwali tagħhom mhuwiex ogħla mill-ekwivalenti fil-valuta nazzjonali għal limitu ta' fatturat ta' EUR 45 000 bir-rata tal-konverżjoni fil-jum tal-adeżjoni tagħha. Skont l-Artikolu 395(2) tad-Direttiva tal-VAT, il-Kummissjoni infurmat lill-Istati Membri l-oħrajn bit-talba tal-Litwanja, permezz ta' ittra li ġġib id-data tas-6 ta' Ġunju 2014 . Permezz ta' ittra datata t-12 ta' Ġunju 2014, il-Kummissjoni nnotifikat lil-Litwanja li kellha l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tikkunsidra t-talba.

Il-kuntest ġenerali

Il-Kapitolu 1 tat-Titolu XII tad-Direttiva tal-VAT jagħti l-possibbiltà lill-Istati Membri li japplikaw skemi speċjali għall-impriżi żgħar, inkluża l-possibbiltà li jeżentaw lil persuni taxxabbli b'inqas minn ċertu dħul annwali. Din l-eżenzjoni timplika li persuna taxxabbli ma għandhiex għalfejn timponi l-VAT fuq il-forniturи tagħha u, konsegwement, hija ma tistax tnaqqas il-VAT fuq l-inputs.

Il-Litwanja kienet l-ewwel mogħtija l-miżura bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/335/UE[1], li se tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2014. Il-miżura tidderoga mit-Titolu XII tad-Direttiva tal-VAT sa fejn biss il-limitu għall-iskema speċjali tal-fatturat annwali tal-persuna taxxabbli jkun ogħla minn dak preżentement permess għal-Litwanja taħt l-Artikolu 287(11) tad-Direttiva tal-VAT, li huwa EUR 29 000.

Il-Litwanja issa talbet li l-miżura, li hija fakultattiva għall-persuni taxxabbli, tiġi estiża għal perjodu ieħor limitat.

Minn informazzjoni mogħtija mil-Litwanja, jidher li l-impatt tal-miżura fuq id-dħul mit-taxxa miġbura fl-istadju tal-konsum finali huwa negliġibbli. Madankollu, l-analiżi pprovduta mil-Litwanja turi li l-maġġoranza tal-persuni taxxabbli li jkunu rreġistrati għall-finijiet tal-VAT (madwar 82 %) matul is-snin 2012-2013 għamlu dan fuq abbażi ta' din il-miżura.

Huwa għalhekk propost li tiġi estiża d-deroga għal perjodu ieħor sal-31 ta' Diċembru 2017.

Id-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta

Derogi simili ngħataw lil Stati Membri oħra.

Il-konsistenza mal-politiki u mal-għanijiet l-oħra tal-Unjoni.

Il-miżura hija skont l-objettivi tal-Unjoni għan-negozji ż-żgħar, kif stipulat fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Aħseb l-ewwel fiż-Żgħir" –"Att dwar in-Negozji ż-Żgħar għall-Ewropa" (COM (2008) 394 tal-25 ta' Ġunju 2008).

[1] ĠU L 150, 9.6.2011, p. 6.

2. IR-RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Il-konsultazzjoni mal-partijiet interessati

Mhux rilevanti.

Il-Ġbir u l-użu ta' kompetenza

Ma kienx hemm bżonn ta' għarfien espert estern.

Valutazzjoni tal-impatt

Id-deċiżjoni għandha l-għan li tissokta miżura ta' simplifikazzjoni li tneħħi ħafna mill-obbligi tal-VAT għan-negozji li joperaw b'fatturat annwali.

Minħabba l-kamp ta' applikazzjoni strett tad-deroga u l-applikazzjoni limitata fiż-żmien, il-kamp ta' applikazzjoni jkun limitat fi kwalunkwe każ.

3. L-ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

Sommarju tal-azzjoni proposta

Awtorizzazzjoni lil-Litwanja għandha tkompli tapplika miżura ta' deroga mid-Direttiva tal-VAT dwar l-introduzzjoni ta' miżura ta' simplifikazzjoni għan-negozji b'fatturat annwali li ma jaqbiżx EUR 45 000.

Bażi legali

L-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-VAT.

Prinċipju ta' sussidjarjetà

Meta titqies id-dispożizzjoni tad-Direttiva tal-VAT li fuqha hija bbażata l-proposta, din tal-aħħar taqa' taħt il-kompetenza esklussiva tal-Unjoni. Il-prinċipju tas-sussidjarjetà għalhekk ma japplikax.

Prinċipju ta' proporzjonalità

Il-proposta hija konformi mal-prinċipju ta' proporzjonalità għar-raġunijiet li ġejjin:

Din id-Deċiżjoni tikkonċerna awtorizzazzjoni mogħtija lil Stat Membru fuq talba tiegħu stess u ma tikkostitwixxi l-ebda obbligu.

Jekk wieħed iqis l-firxa limitata ta' l-applikazzjoni tad-deroga, il-miżura speċjali hija proporzjonata ma' l-għan imfittex.

Għażla tal-istrumenti

Strumenti proposti: Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill.

Mezzi oħra ma jkunux xierqa għar-raġunijiet li ġejjin:

Skont l-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-VAT, deroga mir-regoli komuni tal-VAT hija possibbli biss bl-awtorizzazzjoni tal-Kunsill li jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta mill-Kummissjoni. L-uniku strument xieraq huwa Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kunsill peress li tista' tiġi indirizzata lil Stat Membru individwali.

4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Il-proposta m'għandhiex implikazzjoni fuq il-baġit tal-Unjoni għaliex il-Litwanja se twettaq kalkolu ta' kumpens skont l-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE, EURATOM) 1553/89.

5. ELEMENTI MHUX OBBLIGATORJI

Il-proposta tinkludi klawżola sunset.

2014/0289 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/335/UE sabiex tawtorizza lir-Repubblika tal-Litwanja biex tkompli tapplika miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ([2])("id-Direttiva tal-VAT"), u b'mod partikolari l-Artikolu 395(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Permezz ta' ittra rreġistrata mal-Kummissjoni tas-16 ta' Mejju 2011, ir-Repubblika tal-Litwanja talbet awtorizzazzjoni għal miżura li tidderoga minn punt (287) tal-Artikolu 11 tad-Direttiva tal-VAT sabiex tkompli teżenta persuni taxxabbli li l-fatturat annwali tagħhom mhuwiex ogħla mill-ekwivalenti fil-munita nazzjonali ta' EUR 45 000 bir-rata ta' konverżjoni fil-jum tal-adeżjoni tagħha mal-Unjoni Ewropea. Permezz ta' dik il-miżura, dawk il-persuni taxxabbli jkunu eżenti minn ċerti obbligi jew mill-obbligi kollha fir-rigward tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) imsemmija fil-Kapitoli 2 sa 6 tat-Titolu XI tad-Direttiva tal-VAT.

(2) Permezz ta' ittra tas-6 ta' Ġunju 2014, il-Kummissjoni infurmat lill-Istati Membri l-oħra bit-talba magħmula mil-Litwanja. Permezz ta' ittra datata t-12 ta' Ġunju 2014, il-Kummissjoni nnotifikat lil-Litwanja li kellha l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tikkunsidra t-talba.

(3) Skema speċjali għall-impriżi ż-żgħar diġà hija disponibbli għall-Istati Membri skont it-Titolu XII tad-Direttiva tal-VAT. Il-miżura estiża tidderoga mit-Titolu XII tad-Direttiva tal-VAT sa fejn biss il-limitu għall-iskema speċjali tal-fatturat annwali tal-persuna taxxabbli jkun ogħla minn dak permess għal-Litwanja taħt l-Artikolu 287(11) tad-Direttiva tal-VAT, li huwa EUR 29 000.

(4) Permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/335/KE tat-30 ta' Mejju 2011,[3] il-Litwanja kienet awtorizzata, b'miżura derogatorja, li teżenta persuni taxxabbli li l-fatturat annwali tagħhom ma jaqbiżx il-45 000 sal-31 ta' Diċembru 2014. Peress li dan il-limitu rriżulta f'obbligi tal-VAT imnaqqsa għan-negozji ż-żgħar, il-Litwanja għandha tiġi awtorizzata li tapplika l-miżura għal perjodu limitat ulterjuri. Il-persuni taxxabbli għadhom ikunu jistgħu jagħżlu l-arranġamenti normali tal-VAT.

---

[2] ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.

[3] ĠU L 150, 9.6.2011, p. 6.

(5) Mill-informazzjoni pprovduta mil-Litwanja, l-estensjoni tad-deroga se jkollha biss impatt negliġibbli fuq l-ammont globali ta' dħul mit-taxxa miġbur fl-istadju finali tal-konsum.

(6) Id-deroga ma għandha l-ebda impatt fuq ir-riżorsi proprji tal-Unjoni li jirriżultaw mill-ġbir tat-taxxa fuq il-valur miżjud,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni 2011/335/UE, id-data "31 ta' Diċembru 2014" għandha tiġi sostitwita bid-data "31 ta' Diċembru 2017".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tibda tgħodd mill-1 ta' Jannar 2015.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Litwanja.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President